16 ta' Novembru 2010

Ref: 5/50/194/10

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 50**

Il-kunsill iltaqa' fl-Ufficini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsillier Mark Anthony Ferris. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 49**

**1.1 – Korrezzjonijiet**

Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**1.2 – Materji Konnessi**

**Item 2.2** – Il-Kunsill gie nfurmat li l-attivita' li kienet ser issir mill-Ghaqda Muzikali Kristu Sultan Banda Paola nhar is-Sibt 6 ta' Novembru 2010 fis-sala tal-Kunsill lokali giet ikkancellata.

**Item 2.10** – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar x'kien il-kaz ezatt dwar l-incident li kellu s-Sur Steve Axisa peress li fil-laqgha ta' qabel huwa ma kienx prezenti. Is-Sindku spjega dwar dan il-kaz.

**Item 3.2** – Il-Kunsillier Borg Myatt qal li l-budget mhux matematikament korrett.

**Item 4** – Is-Segretarju qal li saru l-interviews dwar l-impjegati godda tal-Kunsill, izda l-bord iddecieda li ma sab lil hadd skont ir-rekwiziti taghna u ghalhekk ser tissejjah sejha ma' l-ETC.

**Item 2.5** – Il-Kunsillier Seychell qal li ghad irid jiltaqa' ma Trasport Malta dwar il-*bus stand* fi Triq Hal Luqa.

2) **Korrispondenza**

**2.1** – Ittra mit-Transport Malta. Il-Kunsillier Dalli qal li huwa jixtieq li naghmlu laqgha ma' Trasport Malta dwar kif ipproponew huma, il-Pjazza gejja b'diversi Bus Terminus. Huwa kompla jghid li jixtieq li ssir laqgha tal-Kunsill b'item specifiku rigward il-vened tal-karozzi tal-linja biss. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**3) Gemellagg**

**3.1** – Is-Segretarju qal li minn Paola Italja gejjin 30 ruh u hemm min ser jasal is-Sibt u jitlaq nhar l-Erbgha u hemm min ser jasal nhar it-Tnejn u ser jitlaq nhar l-Erbgha.

**3.2** - Il-Kunsillier Dalli qal li dan il-Kunsill ma' Calcinaia ser ikun qed jiltaqa' ghat-2 darba.

**3.3** – Il-Kunsillier Dalli qal li hargu l-quotations ghall-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni tal-gemellagg. Huwa talab permess biex tintghazel l-aktar wahda vantaggjuza. Il-Membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**3.4** – Is-Segretarju qal li d-delegazzjoni ser taghti lill-Kunsill statwa tal-bronz mahduma apposta ghal okkazjoni u ser jaghtu wkoll skrittura.

**3.5** – Il-Kunsillier Seychell staqsa x'ser naghtu ahna lid-delegazzjoni. Wara diskussjoni, gie deciz li nhar is-Sibt 13 ta' Novembru 2010 kull min hu nteressat , niltaqghu biex imorru nixtru.

**3.6** – Il-Kunsillier Dalli qal li kulhadd jiehu l-programm tal-gemellagg mieghu u sa nhar it-Tnejn kulhadd jaghti l-opinjoni tieghu u nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010 naghmlu laqgha dwaru.

**4) Gnien Pawlu Boffa**

**4.1** – Is-Sindku qal li issa la l-kurduna hija lesta xtaq li nunvjaw l-irham tal-funtana u nhaddmuha wkoll biex tigi tahdem kif suppost.

**4.2** – Saret diskussjoni u gie deciz li mal-funtana titwahhal irhama kommemorattiva biex jigi mfakkar il-gemellagg bejn Paola Malta u Paola Italja.

**5) Budget**

**5.1** – Il-Kunsillier Borg Myatt issuggerixxa li l-accountant jkun prezenti fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss biex jispjega l-budget tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**6) Latrina Pjazza Antoine De Paule**

**6.1** – Il-Kunsillier Dalli staqsa ghaliex ix-xoghol fil-latrina waqaf u qal li peress li l-latrina qieghda fil-pjazza, hemm bzonn li din tinfetah malajr.

**6.2** – Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa ghaliex il-latrina ma tistax tintuza. Hu qal ukoll li ghandna dritt ngibu l-mobile toilets u ghandna dritt nitolbu lis-sid lbiex ihallas taghhom hu.

**6.3** – Wara diskussjoni gie deciz li nibghatulu ittra biex il-latrina tinfetah immedjatament.

### 7) Green MT

**7.1** – Il-Kunsillier Dalli staqsa jekk il-kuntratt tal-Green MT hux qed jigi ffollowjat.

**7.2** – Is-Sindku qal biex nibghatu ittra lil Green MT biex jitmexxew il-bring-in-sites. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

### 8) Paola Market

**8.1** – Is-Sindku qal li saret laqgha mar-residenti li joqoghodu fl-akwata ta' fejn jarma s-suq u tkellimna dwar il-problemi li qed jaffaccjaw huma. Huwa qal ukoll li l-pulizija qed tmexxi biex min m'ghandux permess ma jarmax. Huwa ssuggerixxa biex nibghatu ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex is-suq jibda jarma nhar ta' Sibt biss. Il-membri tal-Kunsill qabel ma' dan.

### 9) Ground Pace Grasso

**9.1** – Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li dan il-ground jinfetah ghall-parkegg minhabba li nhar is-Sibt 18 ta' Dicembru 2010 ser issir l-attivita' Milied f'Casal Paola.

**9.2** – Is-Segretarju qal li llum harget quotation dwar xoghlijiet fil-grawnd Pace Grasso fuq il-gazzetta tal-Gvern.

### 10) Attivitajiet Xmas 2010

**10.1** – Il-Kunsillier Lynch qal li l-party ta' l-anzjani ser isir nhar il-Hamis 16 ta' Dicembru 2010 fil-Palace Theatre, Paola. Huwa qal ukoll li l-biljetti ta' l-anzjani ser jinbieghu € 5.00 u li s-sindku ser jiehu hsieb il-Food List. Huwa kompla jghid li l-party tat-tfal din is-sena mhux ser isir taht it-tinda fil-pjazza minhabba li l-prezz hu ta' €1,400. Is-Sindku ssuggerixxa li l-party tat-tfal isir l-Gallarija Complex, Fgura nhar it-Tnejn 27 ta' Dicembru 2010. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**10.2** – Il-Kunsillier Dalli qal li s-sena l-ohra, innota li kien hemm min kien ser ikanta b'xejn, imbaghad ha l-flus. Hu ssuggerixxa li ghandu jsir budget biex ma jintefqux aktar flus milli suppost. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

Il-Kunsillier Lynch qal li dan sar ghax kien hemm kantant li tnieghed il-Has u kellu jhallas lill kulhadd.

### 11) Physically Handicapped Rehabilitation Centre

**11.1** – Is-Sindku qal li gewwa l-art hija mkissra u hemm gew hija art privata. Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna nibghatu ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jghinhom dwar dan il-kaz. Il-Kunsillier Seychell qal li huma talbuh biex isiru xi bozoz ukoll. Huwa kompla jghid li ghandna nibghatu ittra wkoll dwar dan. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

### 12) Pagamenti

**12.1** – Is-segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti u giet approvata mill-membri tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li rigward l-ikla tal-Milied, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali baghat Memo 122/2010 li l-kunsill jista' jonfoq sa € 50.00 fuq kull persuna. Huwa qal li jaqbel li ssir ikla wahda bil-kunsilliera u l-haddiema kollha.

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li tintbaghat donazzjoni lill-Istrina.

Is-Segretarju qal li ser jinxtraw 2 kaxxi whisky bhala ringrazzjament ~~lill-~~ ghal pulizija. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma'dan.

Il-Vici Sindku hareg mil-laqgha fis-7.40pm.

**13) Aggornament**

Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2010 fis-6.00pm.

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku